MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-27 ta' April, 2011

Numru. 225/2008

Il-Pulizija
(Sp Spiridione Zammit)
vs
Joseph Caruana, iben Domnic, imwieled iż-Żejtun fis-26 ta’ Awwissu, 1944, Karta ta’ l-Identita numru 766444(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fis-7 ta’ Marzu, 2008 għal ħabta ta’ xi 9.30 a.m. waqt li kien fi Triq Sammat, Paola:
1. ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioe’ offiża ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Robert Bonnici miż-Żejtun, skont ma ċċertifika t-tabib Dr. Manuel Fenech M.D. mill-Isptar Mater Dei;
2. fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanzi bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieh ta’ Robert Bonnici u il-familjari tiegħu weġġagħhom bi kliem jew b’ġesti jew b’mod ieħor;

3. fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanzi ħebb għal Robert Bonnici u il-familjari tiegħu u dan sabiex jinġurjahom, idejaaqhom jew jaġġmilhom ħsara;
4. fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanzi qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indeċenti, jew għamel atti jew ġesti oxxeni, jew b'xi mod ieħor li mhux provdut fil-Kodiċi Kriminali, offenda l-morali. L-imġieba xierqa jew id-deċenza pubblika;
5. fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanzi mbotta lil Robert Bonnici u dan sabiex iweġġgħu jew jinsulentah;
6. fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanzi kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes, għajjat u ġlied, jew b'mod ieħor.
Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta ta' Robert Bonnici u il-familjari tiegħu u tapplika l-provvedimenti tal-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta fis-6 ta' Marzu, 2008 fil-għodu kienu marru xi ħaddiema tal-ADT u waħħlu tabella (loading/unloading) u zebgħu bl-isfar mal-art quddiem id-dar ta' l-imputat li qegħda fi Triq Sammat, Raħal Ġdid. Ftit wara ġie iben l-imputat, Roderick Caruana, li qala t-tabella u tefagħa mal-art. Imbagħad ġie l-imputat li tefa' t-tabella fit-truck tal-familja li kien ipparkjat fil-viċinanzi. L-imputat kien mar il-Kunsill Lokali fejn talab spjegazzjoni tal-akkadut. Fil-fatt, is-Segretarju tal-Kunsill ċempel lill-ADT li min-naħa tagħhom wegħdu li l-għada jibgħatu uffiċjal tagħhom biex isolvi l-problema. Din il-kwistjoni nqalgħet għaliex f'din it-triq hemm tlett ħwienet li riedu post biex iħottu l-merkanzija.

Illi l-għada, 7 ta' Marzu, 2008 għal tad-9.30 a.m. kien hemm tal-ADT fuq il-post li kienu qed jitkellmu ma l-imputat u mas-sidien tal-ħwienet. Fdak il-ħin wasal fuq il-post Robert Bonnici u kif kien qed jagħlaq il-karozza tiegħu, mar fuqu l-imputat li ggranfa wiċċu wara li qallu biex it-tabella jwaħħalha wara biebu. Konsegwenza ta' din l-aggressjoni Robert Bonnici spiċċa b'girfa fuq wiċċu. Fil-kollutazzjoni, Tanya Bonnici, mart Robert, spiċċat li waqt li kenet qed tipprova tifred lil żewġha minn ma l-imputat kisret sebajha. Tanya Bonnici xehdet li semgħet lill-imputat jitkellem oxxen u jidgħi. Din il-versjoni tal-fatti hi kkomfermata minn Daniela Borg Mizzi, il-public realtions officer tal-ADT, li xehdet li waqt li kienu fuq il-post u kienet qed titkellem ma l-imputat, rat lill-imputat jitlaq minn ħdejha u jmur iħebb għal Robert Bonnici. Din l-istess versjoni ġiet mogħtija minn Pauline Mercieca li kienet fuq il-post.

Illi l-versjoni ta' l-imputat hi li hu mar ħdejn Robert Bonnici u kien l-istess Robert Bonnici li aggredih. Hu ddefenda ruħu għaliex Robert Bonnici spiċċa li wabbdu mal-art.

Illi l-versjoni ta' l-imputat mhiex waħda kredibbli minħabba l-feriti li ġarrab Robert Bonnici u anki għal fatt li ma kellux għalfejn jitlaq minn fejn kien biex ikellem lil Robert Bonnici. Hi ħaġa ċara li l-imputat ħaseb li Robert Bonnici kien il-promotur tat-twaħħil tat-tabella u mar għas-sodifazzjon.

Illi Robert Bonnici sofra feriti f'wiċċu li ma ħallew ebda marka. Imma għandu jingħat li dawn il-feriti damu aktar minn tletin ġurnata biex ifiequ. Ma hemm ebda sfregju fuq il-wiċċ ta' Robert Bonnici.

Illi jirrizulta pruvat li l-imputat qal kliem oxxen u indeċenti u kiser il-mistrieħ tan-nies b'għajjat u storbju.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għahekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha limitatament għal persuna ta' Robert Bonnici. Rat l-artikoli 216(1)(d), 338(bb)(dd) u 339(1)(d)(e)(l) tal-Kodiċi Kriminali u

tikkundannah għal piena ta' sena priġunerija.  Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Krimianli u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sena mil-lum.  Fiċ-ċirkostanzi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Krimianli.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------